MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1053/2003

**A B C**

**vs**

**A D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, ippremettiet li: l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Novembru [recte: Ottubru] 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Donna Lisa u Marvin li llum huma [maggjorenni]; z-zwieg bejn il-partijet tkisser irrevokabilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, theddid, swat u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront taghha; l-attrici kienet dejjem mara tad-dar filwaqt li l-konvenut huwa Lance Bombardier mal-Forzi Armati ta' Malta, imexxi hanut ta' *take-away* u jahdem bhala *security*; li l-konvenut ma jghix fid-dar matrimonjali; l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skont il-ligi sabiex tressaq l-istanza odjerna; l-attrici trid li l-

komunjoni ta' l-akkwisti tigi xjolta u likwidata u l-beni u l-krediti parafernali u dotali taghha jergghu jigu restitwiti, ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ragunijiet attribwibbli lill-konvenut; [2] tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Donna Lisa u Marvin lill-attrici; [3] tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri retta alimentarja skont il-Ligi u, tnaqqis mill-paga tal-konvenut skont il-kaz; [4] tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet skont l-artikoli 48 (1) (a), (b), (d) tal-Kodici Civili; [5] ixxolji, tillikwida il-komunjoni ta' l-akkwisti, bl-applikazzjoni tal-artikoli 48 (1) (c) u 51 tal-Kodici Civili, tassenja id-dar matrimonjali bhala residenza lill-attrici bl-eskluzjoni tal-konvenut skont l-artikolu 55A(1) tal-Kodici Civili u skont l-artikolu 55A(3) u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 3A (2) tal-Kodici Civili fil-konfront tal-partijiet; [6] tikkundanna lill-konvenut jirritorna l-krediti u l-beni parafernali u dotali ta' l-attrici u fin-nuqqas tikkundannah ihallas l-valur stabbilit ta' l-istess beni lill-istess attrici, okkorrendo permezz ta' nomina ta' perit;

Rat ir-rapport tal-Perit legali l-Avukat Dottor David Farrugia Sacco;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits tal-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

---

[1] Vol.4 – fols.814 et seq

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 t'Ottubru 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Donna Lisa u Marvin, li twieldu rispettivament fis-6 ta' Jannar 1986 u fis-17 ta' Marzu 1987, u li ghalhekk illum huma maggjorenni.

*Verzjoni ta' l-attrici*

L-attrici ssostni li z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien sejjer sew sakemm fl-1999/2000 il-konvenut fetah hanut (Snack Bar) bi shab ma' persuna ohra. Minkejja li hi kienet oggezzjonat ghal dan il-hanut peress li kien ser jonqos aktar il-hin ta' bejniethom, zewgha accertaha li dan ma kienx ser isehh peress li l-hinijiet tal-hanut kienu ser ikunu minn filghodu sa kmieni wara nofsinhar. Ghalkemm l-attrici tghid li hija baqghet topponi din l-idea, fl-ahhar hija kellha icedi. Di fatti l-attrici tghid li l-konvenut kien izomm dan il-hanut miftuh sa tard bil-lejl u anke sa kmieni filghodu, u kull meta ma kienx ikun xoghol ma' l-armata, il-konvenut kien ikun il-hanut mit-Tnejn sal-Hadd. L-attrici tispjega li zewgha ma ridhiex tersaq lejn dan il-hanut u ghalhekk hija qatt ma marret hemm. Tghid li ghalhekk mhux certa jekk il-konvenut kienx ikun il-hin kollu il-hanut, ma kellhiex mod kif taghmel kuntatt mieghu hlief bil-*mobile* u dan peress li fil-hanut ma kienx hemm linja fissa. Meta l-attrici tghid li wara argumenti l-konvenut weghda li ma jibqax imur il-hanut nhar ta' Hadd huwa xorta ma baqax iqatta' hin maghha peress li kien jghidilha li jmur ghand ommu u qallha "*Ghaliex l-ewwel il-hbieb, imbaghad ommi u mbaghad int*"[2].

Incident iehor li tirrakonta l-attrici huwa meta hija ghamlet intervent l-isptar u l-konvenut minflokk ma gab il-karozza gieghla timxi sal-karozza, meta waslu d-dar minflokk ma qaghad maghha telaq u gie lura fis-sieghat bikrin ta' filghodu, saghtejn wara reggha hareg minkejja li hija kienet muguha u mar fuq *yatch*, meta hija irrabjat qalla "*Mela ma nitlifx dawra fuq yatch, ahjar dawra fuq il-yatch milli noqghod mieghek!*"[3].

Illi l-attrici bdiet tissuspetta li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra u dan peress li gieli ratlu xaghar bjond fuq hwejgu u kien iqatta' hin twil icempel u ssemmi xi punti ohra li wasluha, skont hi, li tissuspetta hazin f'zewgha.

L-attrici tirrakonta kif darba hija semghet lill-zewgha jitkellem fuq it-telefon u meta ghamlet *redial* irrispondiet mara li titkellem bl-Ingliz. Darba ohra hija tghid kif il-konvenut kellu jkun

[2] Vol. 1 – fol. 200.
[3] Vol. 1 – fol. 200.

xoghol bil-lejl bhala *security guard* izda s-*supervisor* tieghu kien cempel jistaqsi ghalih u qal li ma sabux fuq il-post tax-xoghol, meta l-konvenut irritorna, martu staqsietu jekk kienx ma' dik il-mara li titkellem bl-Ingliz u huwa rrispondiha li hekk kien, u minn dak il-hin l-attrici ddecidiet li ma riditx tkomplu ma' zewgha u dan wara li tefatlu hwejgu barra. Dan kien fit-12 ta' Dicembru 2002.

Xi zmien wara, il-partijiet iltaqghu l-Qorti dwar kaz tal-hanut u l-konvenut ipprova jirranga ma' martu izda meta l-attrici qaltlu biex johodha fl-appartament fejn kien qed jghix huwa rrifjuta u ammetta li kien qed jghix ma' mara ohra. L-attrici tghid ukoll li Stephen Galea kien qalla li zewgha kien ma' mara Russa u li kien ilu maghha zmien. Hija tghid ukoll li sabet ritratti, ftit minnhom ezebiti, ta' nisa u wahda minnhom anke qeghda topless pero din ta' l-ahhar hija ddistruggiethom minhabba li sabuhom ulied il-partijiet.

Problema ohra li tghid dwarha l-attrici huwa l-fatt li l-konvenut ma kienx jghatiha bizzejjed flus ghall-familja, kien biss jghaddi mill-flus li kien jaqla' ma' l-armata u dak l-introjtu li huwa kien jippercepixxi bhala mastrudaxxa u mill-hanut ma kien jghaddilha xejn minnu tant li l-attrici kienet kostretta li tmur tahdem ta' *baby sitter* u thit ghan-nies biex b'hekk tkun tista' twarrab xi haga tal-flus. Dawn il-flus, l-attrici tghid li ma kinitx tghidlu kemm qed taqla' ghax kienet tibza li johodomlha.

*Verzjoni tal-konvenut*

Illi skont il-konvenut l-inkwiet fiz-zwieg beda mal-ewwel u cjoe' gimgha biss wara li l-partijiet izzewgu peress li l-attrici kienet bdiet tghajjru li hija superjuri minnu minhabba l-fatt li hija gejja minn familja sinjura mentri l-konvenut kien gej minn familja ta' *working class*. Huwa jsostni li dan it-tghajjir ma waqaf qatt sa ma telaq mid-dar matrimonjali. Il-konvenut jghid li huwa dejjem hadem anke aktar minn xoghol wiehed sabiex ikun jista' jzomm lill-familja f'qaghda tajba mentri martu qatt ma kellha bzonn li tohrog tahdem proprju minhabba li huwa dejjem ha hsieb il-bzonnijiet tal-familja. Dan l-atteggjament superjuri, l-konvenut jghid li kienet turieh anke fil-konfront tal-girien f'okkazzjonijiet ta' avvenimenti tat-tfal fejn l-attrici kienet torganizza festegjamenti kbar tant li l-konvenut "*kont litteralment nissallab biex inkun nista' nhallas dawn l-ispejjez kollha*"[4].

[4] Vol. 1 – fol. 81.

Il-konvenut ikompli jispjega li l-glied bejnu u bejn martu l-attrici kien ukoll jinqala’ minhabba t-twemmin politiku differenti tal-partijiet, huwa jispjega li ghalkemm huwa ma kellux xi interess partikolari fil-politika, l-attrici xorta wahda kienet tiehu l-opportunita` sabiex igieghlu jhossu inferjuri peress li huwa ma jhaddanx l-istess twemmin politiku ta’ martu.

L-attrici, skont il-konvenut, kienet ukoll tpengi stampa kerha tieghu ma’ l-ulied, taghmel affarjiet li lilu jdejquh bhal traqqad il-kelb fis-sodda maghhom u anke fir-rigward tal-familjari tieghu, l-attrici kienet tonqos mir-rispett. *“Anke meta kont immur narahom – ghal snin twal hi qatt ma kienet tigi mieghi – meta mmur lura d-dar dejjem konna nispiccaw bil-glied... Sahansitra ghal missieri li kien ghamel zmien twil marid, u ghadu, kienet tghidli illi ‘ghandu sebat erwieh u ma jrid imut b’xejn’”*[5].

Meta l-konvenut ha hanut bi shab ma’ xi hadd iehor u dan ma marx tajjeb u ghalhekk kellu anke xi dejn il-bank, huwa jghid li l-attrici hatfet l-okkazzjoni sabiex tghajjru bih u dan minkejja l-fatt li dan il-piz ma halliehx fuq il-familja. Il-konvenut jispjega wkoll li l-partijiet kellhom problemi fl-intimita` ta’ bejnithom, kienu jaghmlu perijodi twal, anke ta’ sena shiha ma jkollhom rapport intimi flimkien.

Fl-ahhar il-konvenut jirrakonta incident fejn l-attrici tefghetu l-barra mid-dar matrimonjali, huwa sab l-uniformi fil-parapett u l-bieb ta’ barra imsakkar u dan peress li l-attrici akkuzatu li kellu relazzjoni ma’ mara ohra li l-konvenut jichad, minn dakinhar il-konvenut ma rritorna qatt lejn id-dar matrimonjali. Dan kien fit-13 ta’ Dicembru 2002 u tlett ijiem wara huwa jghid li l-attrici bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni.

Il-konvenut jstqarr li ghandu relazzjoni ma’ mara ohra izda din ma kinitx ir-raguni ghaliex dan iz-zwieg sfaxxa.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, tikkondividi l-fehma tal-perit legali li l-kawza tat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet kienet ir-relazzjoni extra matrimonjali li dan kien kellu u ghad ghandu ma’ mara ta’ nazzjonalita’ barranija, filwaqt li l-komportament negattiv tal-attrici fil-konfront tal-konvenut kien konsegwenza, jekk mhux reazzjoni gustifikata, ghall-

[5] Vol.1, fol. 81.

infedelta’ ta’ zewgha li bir-relazzjoni adulteruza tieghu ghamel l-akbar dispett li seta’ ghamel lil martu l-konvenuta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibbli, tort unikamentu tal-infedelta’ ta’ zewgha li jirrizali ta’ zmien tal-konvivenza matrimonjali, u mhux minn wara s-separazzjoni de facto kif allegat mill-konvenut.

Dan il-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici jattira *ex lege* fil-konfront tieghu l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16, u dan b’ effett mit-13 ta’ Dicembru 2002.

**Kura u Kustodja**

Peress li llum ulied il-partijiet huma t-tnejn maggjorenni tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta’ dan l-aspett tal-kawza.

**Manteniment**

Rigward il-manteniment tat-tfal dan, illum jinsab sorvolat peress li t-tfal huma maggjorenni. Rigward it-talba tal-attrici ghall-hlas ta’ manteniment ghaliha, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li llum il-gurnata hija ghandha impieg adegwat u hi fil-pozizzjoni li tmantni lilha innifisha, u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti takkorda hlas ta’ manteniment ghaliha; izda, tenut kont li l-konvenut huwa unikament hati tas-separazzjoni din il-Qorti tafferma d-dritt tal-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut kemm-il darba din tisfa’ bla mezzi adegwati ghar-ragunijiet mhux attribwita lilha.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti u Assi Parafernali**

Illi l-Qorti qieghda tannetti mal-gudizzju odjern kopja tal-pagni 16 sa 27 tar-relazzjoni peritali [Appendici A – Vol.IV fols.830 sa 835] b’ mod li dawn ghandhom jifformaw parti integrali mill-gudizzju odjern.

*Assenjazzjoni*

Il-Qorti tawtorizza lill-attrici sabiex tibqa' tghix fid-dar matrimonjali numru 16 Doray, Triq l-Ghasfur tal-Bejt il-Fgura b' eskluzjoni tal-konvenut ghall-perijodu ta' tlett snin, wara liema perijodu d-dar ghandha tigi stmata mill-Perit AIC Godwin Abela, li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop ghas-spejjez taz-zewg partijiet, u titpogga fuq is-suq hieles ghal perijodu ta' sena;  wara l-iskadenza ta' dawn erba' snin jekk il-fond ma jkunx ghadu inbiegh, il-fond jinbiegh fuq is-subbasta skont il-ligi, u r-rikavat, wara li tithallas minnu lill-attrici s-somma ta' erbat elef, mija erba' u disghin euro [€4,194] dovuta lilha bhala kreditu parafernali taghha kontra l-komunjoni, ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Rigward l-mobbli indikati fir-rapport tal-perit legali, il-Qorti tassenja lill-konvenut sehem l-attrici mill-vettura Hyundai Accent HAE 184, filwaqt li l-kumplament tal-mobbli qed jigu assenjati lill-attrici kemm ghax uhud minnhom huma proprjeta' parafernali taghha, kemm ghax oggetti ohra nxtraw wara s-separazzjoni *de facto*, kif ukoll tenut kont li hija m' ghandha ebda htija ghas-separazzjoni.

Il-kontijiet bankarji f' isem il-partijiet qed jigu assenjati lil minn mill-partijiet huwa intestat il-kont.

Kull dejn konness mal-hanut gestit mill-konvenut, talvolta jezisti dejn,  ghandu jkun esklussivament ghak-karigu tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort unikament tal-konvenut;

[2] tastjeni li tiehu konjizzjoni tat-tieni talba;

[3] tichad it-tielet talba *rebus sic stantibus* izda tafferma d-dritt tal-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut kemm-il darba din, ghar-ragunijet mhux attribwita lilha, tisfa' bla mezzi inadegwati ghal ghejxien taghha

[4] tilqa' r-raba talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-artikolu 48 tal-Kap.16, fl-intier tieghu b' effett mit-12 ta' Dicembru 2002;

[5] tilqa' l-hames u s-sitt talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata '**Komunjoni ta' l-Akkwisti'**; filwaqt li tawtorizza lill-attrici tibqa' tghix fid-dar konjugali b' esluzjoni tal-konvenut ghal perijodu ta' tlett [3] snin.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------